MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tal-5 ta' Frar, 2007

Avviz Numru. 119/2005

**Kummissarju tat-Taxxi Interni**

**vs**

**Carmela Testa**

**Il-Qorti,**

Rat r-rikors ipprezentat minn Carmela Testa fit-2 ta’ Marzu 2005 fejn wara fejn wara li ppremettiet illi wara ittra ufficjali mibghuta mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni datata 24 ta’ Jannar 2005, l-istess Kummissarju talab il-hlas tas-somma ta’ elfejn, hames mija u hamsa u tletin lira Maltin (Lm2,535) rapprezentanti taxxa fuq id-dhul jew taxxa provizorja ghas-snin ta’ stima 1984, 1985, 1986, 1989, 1990, 1991, 1993, 1995, 1996 u 1997.

Illi Carmela Testa bir-rikors oggezzjonat ghat-talba tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni ghall-hlas ta’ l-ammont imsemmi stante illi dan l-ammont ma hux dovut u ghalhekk ma hemm ebda pendenza.

L-ammont huwa preskritt ai termini ta’ l-Artikolu 47(2) tal-Kap. 372 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Tablet lil din il-Qorti sabiex tichad it-talba tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni fl-ittra ufficjali ndikata.

Rat ir-risposta tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni illi wiegeb:

Illi l-ammont li ntalab mill-esponent huwa kollu dovut u ghandu jithallas mir-rikorrenti;

Illi inoltre, ma tapplika ebda preskrizzjoni ghall-ammonti mitluba.

Ghaldaqstant l-esponent jitlob li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad it-talba tar-rikorrenti Carmela Testa.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi dan ir-rikors huwa kosegwenza ta’ ittra ufficjali maghmula mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni fl-24 ta’ Jannar 2005, u notifikata lir-rikorrenti Carmela Testa sabiex thallas is-somma ta’ elfejn, hames mija u hamsa u tletin lira Maltin (Lm2,535) rapprezentanti taxxa fuq id-dhul jew taxxa provizorja ghas-snin ta’ stima 1984, 1985, 1986, 1989, 1990, 1991, 1993, 1995, 1996 u 1997.

Carmela Testa wiegbet primarjament illi l-ammont huwa preskritt ai termini ta’ l-Artikolu 47(2) tal-Kap. 372 tal-Ligijiet ta’ Malta. Dan l-artikolu jippresakrivi tmien (8) snin sabiex il-Kummissarju tat-Taxxi Interni jigbor it-taxxi dovuti lid-dipartiment.

Il-Kummissarju tat-Taxxi Interni qieghed jikkontesta it-terminu ta’ preskrizzjoni illi jghid illi ghadu ghaddej favur tieghu.

Il-Qorti, pero' ghandha l-konfort tas-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell fil-mori ta' din il-procedura fl-10 ta' Jannar 2007 fl-ismijiet Kummissarju tat-Taxxi Interni vs Alfred Caruana, fejn il-Qorti ddecidiet illi t-terminu preskrittiv ta' tmien (8) snin ghandu japplika skond il-ligi u l-Kummissarju tat-Taxxi Interni ma jistax jibbenifika minn terminu itwal sabiex ikopri xi nuqqasijiet minn naha tad-dipartiment.

Skond id-dokument esebiti f'dawn l-atti, specjalment id-dokument esebit ma' l-ittra ufficjali msemmija, it-talba tad-dipartiment tmur lura mill-1997 sa' l-1981. Dawn is-snin huma kollha preskritti, hlief l-ahhar sena illi taqa' fl-ambitu ta' tmien snin bejn l-ittra ufficjali fis-sena 2005 u l-ahhar sena ta' stima l-1997. Ta' din is-sena jidher illi kienet dovuta taxxa fl-ammont ta' sittax-il lira Maltin (Lm16).

Ikkunsidrat:

Fil-kawza Korporazzjoni Servizzi ta' l-Ilma vs Oil and Construction International Limited, deciza mill-Qorti ta' l-Appell Inferjuri fit-28 ta' April 2004, il-Qorti qalet, "In linea generali huwa dotrinalment ricevut illi l-preskrizzjoni hija definita bhala mod ta' estenzjoni ta' dritt fejn il-fondament taghha hu rikondott ghar-rinunzja tacita da parti tat-titular tad-dritt. Abbinat ma' din it-tifsira jinghad ukoll illi l-esigenza ta' preskrizzjoni hi dik li tigi assikurata ic-certezza tar-rapporti guridici … Fil-kaz allura li titqajjem il-preskrizzjoni l-unika procedura konsentita kienet dik li l-attur jipproduci provi dwar l-interruzzjoni jew is-sospenzjoni tal-perijodu preskrittiv jew dwar l-ammissjoni tal-kreditu da parte tal-konvenut debitur tieghu …" Din l-ammissjoni jew rinunzja "ghandha tigi pruvata b'mod car u konkludenti; u ma tistax tigi ammessa meta hija bazata fuq atti u fatti illi ma humiex univoci u jistghu jaghtu lok ghal interpretazzjonijiet diversi." (Vol. XXXV P 1 p 101)

L-unika dokument illi jista' b'xi mod iservi ta' interruzzjoni jew ammissjoni huwa dak esebit Dok. AF a fol. 26 bid-data 8 ta' Marzu 1997. Din l-ittra fiha hafna nuqqasijiet peress illi m'ghandha l-ebda referenza ghal-liema *taxpayer* qeda tirreferi, l-anqas ma hija ffirmata u hi semai

forma ta’ *notice of objection* fejn it-*taxpayer* qieghed joggezzjona ghal l-ammonti li kien iddikjara l-Kummissarju. Anzi f’certa snin bejn l-1988 u l-1990 it-*taxpayer* qieghed jilmenta illi huwa kellu telf u mhux gwadan. Alfred Testa, iben Carmela Testa, jirreferi ghal din l-ittra bhala rendikont ta’ l-ammonti illi thallsu u cioe’ fil-passat.

Il-Qorti ma jidhirlix illi, stante dawn in-nuqqasijiet, dan id-dokument ghandu jitqies bhala prova cara u inkonkludenti ta’ l-ammonti illi qieghed jirreklama l-Kummissarju tat-Taxxi Interni u ghalhekk, jibqa’ l-fatt illi l-ammont preskrittiv kif indikat fl-Artikolu 47(2) tal-Kap. 372 tal-Ligijiet ta’ Malta ghandu japplika f’dan il-kaz u l-unika ammont li l-Kummissarju tat-Taxxi Interni ghandu jirreklama mir-rikorrenti Carmela Testa hija dik ta’ sittax-il lira Maltin (Lm16) ghas-sena ta’ stima 1997.

Ghal-dawn il-motivi:

Il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi filwaqt li tiddikjara li l-ammonti dovuti ghas-snin ta’ stima bejn l-1981 u l-1996 bhala preskritti, tilqa’ t-talba tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni ghas-sena ta’ stima 1997 u ghalhekk, tilqa’ parzjalment ir-rikors ta’ Carmela Testa u tichad it-talba tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni kif kontenuta fl-ittra ufficjali ta’ l-24 ta’ Jannar 2005, hlief ghal sena ta’ stima 1997 fejn tikkonferma t-talba ta’ l-istess Kummissarju ghal sittax-il lira Maltin (Lm16) dovuta ghal dik is-sena ta’ stima u konsegwentement tikkundanna lir-rikorrenti Carmela Testa illi thallas dan l-ammont lid-Dipartiment, bl-interessi legali dovuti mid-data tan-notifika ta’ l-ittra ufficjali fuq imsemmija ta’ l-24 Jannar 2005.

Bl-ispejjez kontra l-Kummissarju tat-Taxxi Interni.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------